UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/13/2025]
18 ta' Awwissu 2025

ĠBIR GĦALL-KARITÀ FIS-SENA 2024

Parti mill-ħidma tal-Uffiċċju Djakonija tad-Djoċesi ta' Għawdex hi li jissensibilizza l-komunità Nisranija favur istituzzjonijiet li jaħdmu ma' persuni vulnerabbli jew jiddependu ħafna mid-donazzjonijiet għall-ħidma tagħhom.

Barra minn hekk, l-istess Uffiċċju jara li meta jkun hemm emerġenzi internazzjonali, bħal fil-każ ta' diżastri naturali jew kriżijiet umanitarji, il-komunità Nisranija twieġeb b'ġenerożità għall-għajnuna li tkun qed tintalab.

Matul is-sena 2024, id-Djoċesi ta' Għawdex ġabret u qassmet €107,031.45 f'għajnuna lil istituzzjonijiet lokali, grazzi għall-ġenerożità tal-poplu Għawdxi.

L-għotjiet miġbura tqassmu hekk:

DATA	DESTINAZZJONI	AMMONT (€)
01/01/2024	Dar tal-Providenza	40,000.00
24-25/02/2024	Obolo ta' San Pietru	15,000.00
28/03/2024	Fondo Clero (Ħamis ix-Xirka)	12,580.88
06/2024	Dar Arka	12,000.00
19-20/10/2024	Jum il-Karità (Caritas djoċesana)	27,450.57
	TOTAL	**€107,031.45**

Barra minn dawn, kien hemm ġabriet oħra li, bil-permess tad-Djoċesi, saru minn entitajiet oħra (fosthom is-Seminarju Maġġuri u Missio Malta), u li ċ-ċifri tagħhom ma humiex inklużi f'din il-lista.